# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru **28** Settembru Ottubru 1998

BirdLife MALTA

*L-Għaqda għall-Għasafar*

Stampat fuq karta riċiklata

## BirdLife tpassi...




paġ3

## 700,000km² ġenna...



paġ4

## ...u 700,000km² infern!



paġ3



RSPB Images

**Barbaġann**

*Tieħu tieħu bla ma trodd...*



*...sa d-DINJA tħott!*

## editorjal

## Ħbieb! Ħuttaf



Il-ħarifa reġgħet magħna. F'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa, il-ħarifa tfisser ġejja l-kesħa. In-natura tibża' mill-kesħa, u għalhekk il-ħajja tibda' taħseb biex torqod ir-raqda tax-xitwa.

Hawn Malta jiġri kważi l-maqlub! Veru li fil-ħarifa xi siġar jinżgħu l-weraq u jorqdu għax-xitwa, u veru li l-insetti jmutu jew jistaħbew, u anke l-gremxul jiddejjaq daqsxejn!

Imma ħafna natura oħra tibda tqum - tqum mir-raqda tas-sajf! Ibda miż-żrinġijiet. Ma' l-ewwel ħalbiet xita dawn malajr tarahom f'xi wied jgħumu u jixxalaw fl-għadajjar. L-istess il-ħaxix u ħafna pjanti. Wara l-ewwel xita, tħares lejn l-art u kullimkien tara jisponta l-aħdar, u fi ftit ġranet, l-għelieqi, il-widien u ġnub it-toroq jinksew tapiti ħodor u jitfaċċaw l-ewwel fjuri. Mur fittex fuq ix-xagħri, u tara ġmiel ta' żagħfran u busieq.

L-għasafar tal-passa jimlewna ċaqliq u ħsejjes, xi wħud jibqgħu għaddejjin, oħrajn joqogħdu magħna għax-xitwa, u jimlew kullimkien tisfir u għana. Kulħadd jieħu r-ruħ, kulħadd jieħu n-nifs.

Għax is-sajf ikun għadda, żmien in-nixfa jkun spiċċa, jibda żmien l-ilma, żmien il-ħajja!

Il-ħarifa Maltija hija żmien ta' ċaqliq kbir fin-natura.

Gawduha ħbieb!



Ħaxixa Ingliża

Victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?



| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet ta' Malta | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 28 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...il-BAGĦDAN | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Gallerija | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| ROADRUNNER | paġ 9 |
| Ħmerijiet li nisma' | paġ 9 |
| Għali Ambjentali | paġ 10 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| Alive | paġ 12 |
| X'Affarijiet Dawn! | paġ 12 |





Ġurdien ta' l-Imramma

### Faċċata ta' Quddiem

## Barbaġann

(*Tyto alba* - Barn Owl)

Kokka li fl-imgħoddi kienet anke tbejjet fis-swar Maltin u f'bini antik u mitluq. Dan l-annimal qerduh il-kaċċaturi, u llum mhux żgur baqa' par jew tnejn.

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**
Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**28 Marina Court Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12 Tel 347646 Fax 343239**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Settembru 1998

aħbarijiet

# Aktar budakkar!

Fil-Ħuttafa 27 konna ġibna aħbar li nstabet ħuta żgħira ġdida max-xtut Maltin. Din kienet il-**Budakkra tat-Tikki** (yellow-cheeked blenny *Blennius canevae*). Minn dakinhar 'l hawn seħibna Mark Falzon aktar donnu għex fil-baħar milli fuq l-art, tant li rnexxielu jsib tliet ħutiet oħrajn ġodda! Kollha mir-razza tal-budakkra (bl-ingiż *blennies*), u kollha jgħixu f'baħar baxx fuq qiegħ bil-blat. Dawn it-tliet speċi ġodda huma l-**Budakkra tar-Rig** (*Parablennius rouxi*), il-**Bżaru Żgħir** (pigmy black-faced blenny *Tripterygion melanurus*) u l-**Budakkra Safra** (*Parablennius pilicornis*). Mark jgħidilna li ħafna minn dal-ħut huwa kurjuż, u għal kull xejn jittawwal mit-toqba tal-bejta biex jissendika min hu għaddej minn quddiem il-bieb tad-dar tiegħu!



Budakkra tar-Rig



Bżaru Żgħir

Skużawna, imma ma sibniex stampa sura tal-Budakkra Safra. Bħall-Budakkra tar-Rig għandha speċi ta' qarn imfelfel fuq moħħha.

Ħlief għall-Budakkra tar-Rig, dawn il-ħutiet ġodda kellna naghtuhom ismijiet aħna minħabba li kien għad m'għandhomx isem bil-Malti.

# BirdLife Malta tpassi!




**Bħalma l-għasafar ipassu u jaqsmu l-baħar, hekk ukoll il-BirdLife passiet! U qasmet il-baħar ukoll!**
Imma l-BirdLife ma marritx f'pajjiż ieħor.Kull m'għamilna qsamna l-Port ta' Marsamxett, u mill-Belt Valletta issa morna Ta' Xbiex. Għalhekk l-indirizz il-ġdid ta' BirdLife Malta issa huwa:



**28 Marina Court**
**Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

U jekk tridu ċċemplulna, dan huwa n-numru: **347646**

(Araw ukoll paġna 8)

**Kull sena jinqerdu 708,000km² ta' foresti u grasslands bin-nar. Jiġifieri b'kollox biċċa art kważi daqs it-Turkija! U dis-sena se tkun ikbar, bin-nixfa li ħakmet xi pajjiżi.**



# X'għandna mid-Dinja!

## Tnejn isiru wieħed



Fit-tramuntana ta' l-Afrika t'Isfel hemm park jismu l-**Kalaħari Gemsbok National Park.** U fil-lbiċ tal-Botswana hemm park jismu l-**Gemsbok National Park.** Bejn dawn iż-żewġ parks m'hemm xejn ħlief il-fruntiera bejn iż-żewġ pajjiżi!

U issa... aħbar ta' barra minn hawn. Il-gvernijiet taż-żewġ pajjiżi ġirien iddeċidew li f'Novembru li ġej dik **il-fruntiera tispiċċa u ż-żewġ parks isiru park wieħed enormi**. Dan il-park, li se jkun kbir daqs l-Irlanda (jiġifieri l-area ta' Malta x 222 darba!), huwa mimli ħajja selvaġġa - **iljuni, ċita, antilopi, għasafar**. Qed jissejjaħ park ta' paċi, fejn il-ħarsien tan-natura tiġi qabel il-politika u l-fruntieri li jivvintaw in-nies.



Dan il-pass għandu jħajjar pajjiżi oħrajn fl-Afrika biex jagħmlu l-istess - per eżempju t-Tanżanija u l-Kenja jistgħu jgħaqqdu l-famużi Serengeti NP u l-Masai Mara NP. Min jaf, f'xi ħarġa tal-Ħuttafa għad inħabbruha wkoll!

minn BBCWildlife, Sept 1998

## Aktar art għan-natura



Ir-repubblika ta' Sakha (eks-Yakutia), fir-Russja, iddeċidiet li tipproteġi biċċa art immensa, biex fiha n-natura titħalla tgħix fil-paċi u bla tfixkil. Fost annimali oħrajn li jgħixu f'din l-art hemm **l-ors, il-lupu, l-elk** u **r-reindeer**. Dil-medda art fiha 700,000km$^2$, jiġifieri xi daqs il-Ġermanja... darbtejn!

minn WWF Global homepage

## KOMPETIZZJONI 28

*Norman Chetcuti (Mr Għarrexuqalleb)*



Did-darba vvintajtilkom poeżija qasira. Qalb il-kliem tal-poeżija ħbejtilkom seba' annimali. Kapaċi ssibuhom? Biex ngħinkom lestejtilkom l-ewwel waħda, li hija **kelb**. Sibu s-sitta l-oħrajn, iktbuhom fuq karta u ibagħtuha, flimkien ma' isimkom u d-dettalji, lil...

**BirdLife Malta**
**Klabb Ħuttaf Kompetizzjoni 28**
**28 Marina Court**
**Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

Min jirbaħ jieħu **CD** ġentilment mogħti mill-ħanut **The Scorpion.** Ċans għandkom sal-10 ta' Novembru 1998.

Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 27 huwa **Brenton Gilford** minn Wied il-Għajn. Brenton jista' jmur jiġbor is-CD minn għand The Scorpion. Importanti li jieħu miegħu l-membership card. It-tajr moħbi kien **borka, summiena, pluviera** u **ċinju**

### *Ir-Riċetta*

*Wenzu l-kok tgħidx kemm isajjar*
*dejjem lesta ikel bnin.*
*Kull riċetta li jiddobba*
*jgħid "Ħafifa rixa din!"*

*Darba sab xi ħaġa ġdida*
*xtara ż-żrar u xi siment,*
*ġir, affarijiet biex iħawwad*
*xorta qal ma kienx kuntent.*

*Tgħidx kemm berbaq ra kif għamel*
*L-ingredjenti ħawwad sew*
*"Ta' dan żgur xi palju nieħu,*
*jiena l-aqwa kok hawn ġew!"*

*Sakemm lesta kisser pala*
*Stieden nies ħareġ invit*
*biex lil dan-nies jagħti grazzi*
*għamel kejk kbir tal-konkrit!*

THE SCORPION

**Martial Arts, Keep-fit, Sports and Music**

The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA19
Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284

# il-Bagħdan Aħmar



"...Iħobb iżomm ġwinħajh forma ta' V."



Raymond Galea

**F'dil-ħarġa ser nittrumbjaw fuq għasfur tal-priża - il-Bagħdan. U hekk jixraq, ladarba fl-20 ta' Settembru kellna waħda mill-aqwa pases ta' dan l-għasfur...**

| | |
|---|---|
| Malti | **Bagħdan Aħmar** |
| Ingliż | **Marsh harrier** |
| Xjentifiku | ***Circus aeruginosus*** |

Dis-sena fil-Buskett, dehru mijiet ta' bagħdan, li minnhom 117 (iva, mija u sbatax) għażlu li jorqdu fis-siġar kbar tal-prinjol. U mill-Għolja tal-Ġordan f'Għawdex, irnexxieli nara madwar mitejn Bagħdan deħlin minn fuq il-baħar, wara vjaġġ minn Sqallija. Inħallikom timmaġinaw xi spettaklu dak!

Fil-gżejjer Maltin jidhru erba' speċi ta' bagħdan, li minnhom il-Bagħdan Aħmar huwa l-aktar komuni. Il-Bagħdan Aħmar fil-fatt huwa forsi l-aktar għasfur tal-priża li naraw fostna ta' spiss. Jidher mill-bidu ta' Marzu sa l-aħħar ta' April, u mill-aħħar t' Awwissu sa' l-aħħar ta' Settembru.



Fir-rebbiegħa, jidher jissiefaħ fil-baxx fuq xi għalqa qamħ jew silla, jgħarrex għal xi ġurdien. Fil-ħarifa, iħobb ipassi fl-għoli, flimkien mal-kuċċard u tajr tal-priża ieħor. Fuq il-gżira ta' Kemmuna, fejn hemm inqas kaċċa (suppost m'hemm xejn, għax Kemmuna santwarju) mhux l-ewwel darba li berdwoċers tal-BirdLife raw bagħdan jaqbad fenek. Il-bagħdan spiss iqatta' l-lejl jistrieħ f'xi siġra, speċjalment f'xi masġar antik bħall-Buskett.

Biex tara bagħdan, l-aħjar li tagħmel hu li toqgħod fuq xi għolja waqt il-passa u tiftaħ għajnejk sew. Fir-rebbiegħa aħjar jekk ikun hemm daqsxejn tar-riħ. Tromba hija essenzjali biex tagħraf speċi minn oħra, għalkemm il-Bagħdan Aħmar jingħaraf faċilment. Għandu t-titjira ħafifa, denb u ġwienaħ twal, u jekk tarah minn quddiem iħobb iżomm ġwinħajh forma ta' V. Il-Bagħdan Aħmar mara hija kannella b'ras safra, filwaqt li r-raġel għandu ġwienaħ griżi ċari bil-ponot suwed.



Bagħdan Griż - speċi oħra ta' bagħdan.

Il-bagħdan żdied f'dawn l-aħħar snin - fil-fatt, sa madwar 10 snin ilu, ma kienx daqshekk komuni. Dan x'aktarx li ġara minħabba l-protezzjoni li dan l-għasfur qed jingħata fl-Ewropa, fejn ibejjet. Il-bagħdan ibejjet f'inħawi fejn hemm għadajjar miksijin bil-qasab, u postijiet bħal dawn qegħdin jingħataw ħafna protezzjoni fl-Ewropa. Imma xorta waħda dan mhux biżżejjed - importanti li nħarsu l-għasafar waqt il-passa wkoll. Ftakru li 117 bagħdan (kemm raqdu l-Buskett f'lejl wieħed) huma kważi sittin par.

**Imbagħad hemm min jgħid li f'Malta ma jgħaddi xejn.**

*Mark Falzon*

# ITTRI

## Nixtieq inkun naf...

Għażiż Editur,

**Nixtieq inkun naf jekk fl-ibħra ta' Malta jidħlux klieb il-baħar, u nixtieq inkun naf ukoll jekk il-meril, l-għargħar u widnet il-baħar jgħixux Malta biss.**

**Prosit tal-magażin għax huwa interessanti ħafna, u komplu sejrin hekk.**

**Roderick Chetcuti**
**Santa Luċija**

Għażiż Roderick,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek u tal-kliem sabiħ. Niġi għall-mistoqsijiet tiegħek.

F'Malta jidħlu **klieb il-baħar**?

Iva, jidħlu. Fil-fatt l-ikbar *great white shark* li qatt inqabad fid-dinja qabduh sajjieda Maltin ħdejn Filfla! Barra minn hekk, tista' tgħid kull sena jkun hawn xi twissija li deħret "ħuta kbira" f'xi nħawi ta' Malta. Imma toqgħodx titwerwer - l-aħħar attakk minn kelb il-baħar fl-ilmijiet Maltin sar iktar minn 40 sena ilu. U minn dak iż-żmien 'l hawn min jaf kemm miljuni ta' nies għamu fl-ibħra Maltin bla ma ġralhom xejn!

Niġu għall-mistoqsija l-oħra...

Le, **il-merill** ma ssibux Malta biss, imma f'ħafna artijiet oħra tal-Mediterran.

**L-għargħar** hija siġra li fl-Ewropa ssibha biss f'xi nħawi fi Spanja. Imma fl-Afrika ta' Fuq, bħat-Tuneżija, tikber fil-muntanji.

Niġu għal **widnet il-baħar**. Din iva! Din hija pjanta *endemika* għal Mata. Endemika jiġifieri ssibha biss f'post wieħed, u mkien iktar fid-dinja. U kien għalhekk li fl-1971 inħatret il-fjura nazzjonali ta' Malta.

L-Editur

## Jiktbilna pitirross!



Għażiż Editur,

Jiena pitirross u ġa għaddejt minn fuq il-gżira ta' Malta.

Għaddejt! Taf kif hu, mbeżżgħa. Għalhekk Editur, kompli għid lit-tfal Maltin biex ma jaqbdux pitirrossi, forsi xi darba ngħaddi ferħana minn fuq Malta.

Ħalluna ħajjin!

**Stephen Magro**
**Ħaż-Żabbar**

Għażiż Pitirross,

Ħalli f'idejna biex inkomplu ntambru f'ras il-Maltin biex lilek u lil sħabek jitgħallmu jirrispettawk, u flok ma jarmawlek trabokk, jarmawlek bird table!

Minn dis-sena l-BirdLife se terġa' taqbad il-Kampanja fl-iskejjel favur il-Pitirross.

L-Editur

**Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!**

**Birdlife Malta**
**Klabb Ħuttaf**
**28 Marina Court**
**Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**






Is-sinna!

**Kelb il-Baħar Abjad**
Great White Shark




Nixtiequ ninfurmaw lill-membri li l-kompetizzjoni **Oħloq Annimal** issa spiċċat. Grazzi lil dawk kollha li vvintaw dawk il-mostri kollha! Allaħares kienu jeżistu veru!!!

# Gallerija

Thomas Pace (9)



Gardell

David Attard (10)



Ballottra

Steven Galea (10)



Russett Ikħal

Karl Farrugia (11)



Barbaġann

Sabrina Zammit (9)



Agrett

Nimrod Mifsud (12)



Kudirross Blu

Trevor Mamo (12)



Bald Eagle

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

# Ħarġa sal-Buskett

**8 Nov 98**



Bħal daż-żmien, il-Buskett jibda jimtela ħajja. Suppost ikun beda jikber il-**faqqiegħ**, ikun hemm forsi nixxiegħa ilma fil-wied, ikun hemm l-għasafar tal-passa li jkunu ġew mill-Ewropa għall-vaganzi tax-xitwa! **Pitirrossi, sturnell, buċaqq tax-xitwa, kudirross iswed, vjolini**, xi **zakak tad-dell**.

U naturalment, is-siġar xjuħ taż-**żnuber**, taċ-**ċipress**, tal-**luq**, tal-**pekan**, taż-**żebbuġ**, tal-**fraxxnu**, ta' l-**ulmu** u tal-**ballut**. U l-**liedna** fuq iċ-ċnut, u l-**likeni** mas-siġar. Imsomma, ġenna ta' l-art żgħira.

U aħna dal-ġmiel ħa mmorru narawh, ingawduh, u nitgħallmu dwaru. Tiġu magħna?!

| | |
|---|---|
| Data | **Il-Ħadd 8 Novembru 1998** |
| Niltaqgħu | **Taħt it-Tinda, il-Buskett** |
| Ħin | **8.15am** |
| Nispiċċaw | **11.00am** |
| Ġibu | **Tromba jekk għandkom** |




Min ġej b'tal-linja jista' jaqbad l-81 li titlaq mill-Belt fit-7.40am

# Open Day

**24-25 Ott 98**

Kif qrajtu fil-paġna ta' l-aħbarijiet, il-BirdLife issa moħ a noqogħdu Ta' Xbiex. Iċ-ċentru l-ġdid huwa ħafna isbaħ u iktar imdawwal minn dak li kellna l-Belt. **U biex il-membri tkunu tistgħu taraw b'għajnejkom stess, se nagħmlu Open Day** (anzi *żewġ* open days!). Allura x'se jkun hemm? Ara, se jkollna...



- **WIRJA** ta' l-istorja ta' BirdLife Malta minn kemm ilha teżisti.
- **SLIDE SHOW** dwar in-natura Maltija.
- **VIDEO SHOW** dwar l-attivitajiet tal-BirdLife.
- **JUMBLE SALE** b'affarijiet second-hand għall-bejgħ
- **CLEARANCE SALE** b'kotba, pitazzi, kartolini u rigali żgħar tal-Milied, kollox għall-bejgħ b'nofs prezz.
- **ROKNA KLABB ĦUTTAF** b'attivitajiet għalikom il-membri.

**Intom, għeżież Ħuttaf, mistednin tmorru tagħtu titwila. U magħkom tista' tiġi l-familja kollha! B'din iż-żjara ssiru tafu l-qalb tal-BirdLife minn fejn se tkun qed tħabbat għas-snin li ġejjin!**



**Dati u ħinijiet**

**Is-Sibt 24 Ottubru 1998**
9.30am - 12.30pm u 4.30pm - 7.30pm
**Il-Ħadd 25 Ottubru 1998**
9.30am - 12.30pm u 3.00pm - 7.30pm.

**NOTA GĦAL MIN ĠABAR IL-FLUS GĦAT-TSHIRT TA' L-ALIVE**

Dawk il-membri li jmisshom Tshirt ta' l-ALIVE (lista paġ 12) jistgħu jiġbruh waqt l-Open Day. U dawk li faddlu u għadhom ma bagħtux il-formola, jistgħu jieħdu kollox dakinhar ta' l-Open Day u jingħatalhom it-Tshirt fil-pront.

# ROADRUNNER



Żgur tafu bil-cartoons tar-Roadrunner, dak l-għasfur li jiġri daqs ir-riħ u li dejjem jiskappa n-nases li jagħmillu l-Coyote. Kontu tobsru li dan l-għasfur *vera* jeżisti? Hekk hu, jgħix fid-deżert ta' l-Arizona fl-iStati Uniti, iħobb ambjent niexef, iħuf għall-gremxul qalb il-pjanti baxxi tad-deżert. Bħall-karattru tal-cartoons, veru li dan l-għasfur iħobb jiġri, anzi jippreferi jiġri milli jtir. Imma MHUX veru li jiġri iktar minn rokit! U mhux veru jagħmel BEEP!BEEP!



Warner

# ħmerijiet li nisma'...

Desirée Falzon

**Għaliex il-Maltin jibżgħu mis-sriep tagħna? Kull darba li nsemmi s-sriep nara min iberraq għajnejh u jrodd is-slaleb. U jekk xi povru serp ifettillu jidħol f'xi ġnien malajr jaqla' daqqa ta' ġebla... "li ma jmurx jagħtini l-velenu."**

Din tal-velenu kollha ħmerija, għax is-sriep Maltin mhumiex velenużi għan-nies. Fil-gżejjer tagħna għandna erba' speċi ta' serp. Is-Serp l-Iswed huwa l-ikbar wieħed u jikber sa metru u nofs. It-tlieta l-oħrajn, jiġifieri s-Serp Aħdar, il-Lifgħa u l-Qattus* bilkemm jaslu sa metru, u l-ebda minnhom ma jiekol jew jigdem lin-nies. U l-erbgħa li huma jitwerwru min-nies!

Is-sriep tagħna jieklu ġrieden, gremxul u anke żrinġijiet. Meta jaraw il-priża, dawn iħebbu għaliha b'ħeffa kbira u jigdmuha waqt li jdawru ġisimhom magħha. Il-Qattus biss għandu ftit velenu. Dan il-velenu tant hu dgħajjef li jaffettwa priża żgħira biss.

**Ċertament li s-sriep ta' Malta m'għandniex għax nibżgħu minnhom. Anzi aħna n-nies nagħmlu hafna iktar ħsara lis-sriep milli huma qatt jistgħu jagħmlu lilna.**



Andrew Micallef

Serp Iswed

*Jismu hekk għax għandu għajnejh bħal tal-qtates. Jgħidulu wkoll *Teleskopu*, imma nippreferu l-isem l-ieħor.

Birdwatchers Club

M'intix berdwoċer Malti jekk m'intix ...fil-Birdwatchers Club!




BirdLife Malta • Birdwatchers Club • 28 Marina Court Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12

Għali Ambjentali

# Ħela ta' Ħamrija

**Il-ħamrija hija importanti mmens. Mingħajrha nitilfu kważi l-ikel kollu li nieklu. Imma xorta waħda m'aħniex nieħdu ħsiebha, u ftit ftit qed nitilfuha wkoll!**

Il-ħamrija hija parti minn ċiklu kontinwu. Fin-natura l-ħamrija bil-mod il-mod titneħħa ma' l-ilma u mir-riħ, imma fl-istess ħin ħamrija ġdida tifforma mit-tifrik tal-blat u t-tmermir tal-veġetazzjoni. Il-problema tinqala' meta jintilef il-bilanċ bejn dawn iż-żewġ proċessi. **L-erożjoni tal-ħamrija tiġri meta tintilef ħafna iktar ħamrija milli tinħoloq.**

## X'jikkawżaha?

Ħafna telfien ta' ħamrija qed isir minħabba drawwiet ħżiena tal-biedja. Per eżempju...

- Meta l-bdiewa jużaw il-**monokultura** (meta jiżirgħu dejjem l-istess pjanta fuq meded kbar ta' ħamrija) il-ħamrija jispiċċawlha sustanzi, ma tibqax magħquda, u faċli tintilef.

- Meta l-**ħrit** isir fid-direzzjoni li minnu jinżel l-ilma tax-xita, il-ħamrija titkaxkar iktar malajr ma' l-ilmijiet.

- Meta l-**imrieħel tan-ngħaġ u l-baqar** jitħallew jirgħu iż-żejjed, il-ħamrija titlef il-kisja kollha tal-ħaxix, u mill-ġdid tinkixef u ttir mar-riħ.

- Meta l-bdiewa jużaw **makkinarju tqil,** dan iballat il-ħamrija tant li meta tagħmel ix-xita, l-ilma flok jinxtorob mill-ħamrija, jgħaddi minn fuq il-wiċċ tagħha, jinġema' f'widien sħaħ u mill-ġdid ikaxkar il-ħamrija miegħu.

- Meta **jitqaċċtu l-foresti** - u din hija l-ikbar kawża - il-ħamrija mhux biss tinkixef, imma titlef l-għeruq tas-siġar li jorbtuha ma' l-art. Bix-xita u bir-riħ, il-ħamrija mikxufa u bla għeruq fiha mill-ġdid tintilef u jinkixef il-blat.



F'Malta x-xita spiss tagħmel f'ħalbiet qosra imma qawwijin. Dit-tip ta' xita hija l-agħar għall-ħamrija, għax malajr tkaxkarha mal-widien li jagħmlu. F'Malta għandna wkoll ħafna għelieqi mitluqin. F'dawn l-għelieqi, ħadd ma jsewwi l-ħitan tas-sejjieħ li jaqgħu. Għalhekk meta tagħmel ix-xita, il-ħamrija taħrab mill-ħitan imwaqqgħin, u tispiċċa l-baħar.

## X'inhuma l-effetti?

L-erożjoni tal-ħamrija tnaqqas il-fertilità tal-ħamrija. Tista' twassal ukoll għad-deżertifikazzjoni, jiġifieri meta art fertili ssir deżert, art bi blat mikxuf u bla ħajja. Meta l-ħamrija titkaxkar u tispiċċa fix-xmajjar, fl-għadajjar u fil-baħar, din toħnoq u toqtol il-ħajja kollha tal-qiegħ. Eżempju ta' dan huwa l-qroll (coral), li jrid ilma nadif u ċar. Fejn hemm impjanti ħajdroelettriċi (mhux f'Malta), il-ħamrija li tinżel fix-xmajjar spiss tiġġamja u tħassar t-turbini u l-makkinarju.

Fejn m'hemmx ħamrija biex tixkuma l-ilma, l-ilma tax-xita jinżel kollu f'għarar kbir u jagħmel ħsarat kbar. L-għarar ikaxkar djar u rħula sħaħ u spiss joqtol mijiet u anke eluf ta' nies u bhejjem li jinqabdu fl-ilmijiet u t-tjun li jinżlu mill-għoljiet u l-muntanji. Diżgrazzji bħal dawn sirna spiss nisimgħu bihom fl-aħbarijiet!

Il-ħamrija li nitilfu qatt ma nistgħu nġibuha lura. L-erożjoni tal-ħamrija tnaqqas il-produzzjoni agrikola. Xjenzati qed jgħidu li bir-rata preżenti ta' telfien ta' ħamrija, il-prodott agrikolu fl-Amerka ta' Fuq u fl-Afrika se jonqos b'25%, u fl-Amerka t'Isfel b'20%. Dan ifisser inqas ikel f'dinja fejn in-nies qegħdin dejjem iżidu!

**L-erożjoni tal-ħamrija hija stmata diżastru serju daqs l-għarar, terremoti, uragani u oħrajn. Id-differenza hija li l-erożjoni sseħħ bil-mod, tant li jekk ma noqogħdu x attenti lanqas nindunaw biha ...qabel ma jkun tard wisq!**




*Elisabeth Conrad*

# GRUPPI LOKALI

Wara iktar minn tliet snin għaddejjin, jiddispjaċina nħabbru li għalissa l-Gruppi Lokali ħa jkollna nwaqqfuhom. Sadattant se nżidu ma' l-attivitajiet nazzjonali biex inpattu ftit! Kif inkunu nistgħu, il-Gruppi Lokali nerġgħu nibdewhom...



# membru + membru

Dawn huma l-membri Ħuttaf li daħħlu membri oħrajn fi Klabb Ħuttaf f'Lulju u Awwissu.

**Matthias Ebejer**
**Joanna Ellul**
**Steve Cutajar**
**Pierre Vassallo**
**Nadia Grima**
**Tobias Sammut**



**Prosit!**

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u lilek nibagħtulek...

- **Tliet pitazzi ta' l-għasafar u**
- **Stiker bil-kulur ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**



**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________



**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta Klabb Ħuttaf - 28 Marina Court Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ




**Eżattament 50 membri (s'issa), li isimhom jidher hawn taħt, daħlu għall-ġabra li qed nagħmlu għar-riserva tas-Simar. Dawn il-Ħuttaf veramentħaqqhom it-Tshirt li ħadmu għalih, u jistgħu jmorru jiġbruh mid-dar ta' BirdLife Malta f'Ta' Xbiex (mappa paġ3). Meta tmorru ħudu magħkom il-membership card.**

Charlotte-Ben Micallef • Justin Spiteri • Matt Pulis • Daniel Bezzina • Joseph Vella • Kristine Marie Bartolo • Clayton Zammit • Marilyn Hili • Etienne Caruana • Abigail Camilleri • Joseph Glynn • Rita Bonello • Andrea Spiteri • Matthew J Grima • Andrea Micallef • Shaun Grech • Andrew Falzon • Charles Borg • Ann-Marie Camilleri • Daniel Warrington • Karen Livori • Sarah Camilleri • Shawn Ritchie • Rebecca Buttigieg • Matthew Borg Cardona • David Ciangura • Ryan Farrugia • Marilyn Theuma • Justin Vella • Maria Baldacchino • Cynthia Zammit• Jennifer Williams • Jonathan Williams • Josianne Williams • ??? Williams • Raphael Axisa • Robert Axisa • Helena Felice • Lara Marie Vella • Mandy Zammit • Elaine Farrugia • Felicity Borg • Marica Cassar • Edwin Gusman • Marco Calleja • Gianluca Calleja • Joseph Farrugia • Alison Briffa • Nicholas Mifsud • Etienne Fenech.

ALIVE

Ħinijiet ta' l-uffiċju BirdLife:
**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa 8am - 1pm**



Żur il-websajt ta' BirdLife Malta fuq l-**Internet**...

http://www.waldonet.net.mt/BirdLife/

# X'affarijiet dawn!



**Da' l-aħħar smajna waħda mhux tas-soltu....**

Mela xi bennejja kienu qed jaħdmu fuq plot tal-bini f'Birkirkara. F'dal-plot kienu ħaffru ħofra kbira biex 'il quddiem isir bir. Bix-xita li għamlet dan l-aħħar din il-ħofra faret bl-ilma u saret qisha vaska daqsxiex. Meta l-ħaddiema reġgħu marru jaħdmu, sabu l-vaska u l-plot mimli żrinġijiet ta' kull daqs, kollha jogħxew u jaqbżu!

Mhux hekk biss. Meta l-bennejja bdew iħalltu l-konkos u jqiegħdu l-ġebel, indunaw li xi żrinġijiet bdew jaqbżu anke fil-konkos frisk u jċafalsu u jeħlu fih!

Kien hawnhekk li l-ħaddiema wrew kemm huma tassew irġiel ta' qalb tajba. Ġiethom ħniena miż-żrinġijiet, u wieħed wieħed bdew jiġbruhom bil-galbu minn ġol-konkos u jħarrbuhom mill-ġdid fil-vaska!



Sadattant xi membri tal-BirdLife semgħu b'dan il-każ. Għalhekk marru jiġbru kemm setgħu minn dawn iż-żrinġijiet mill-post tal-bini. Imbagħad ħaduhom f'wied sabiħ kollu ilma ġieri u ħaxix folt! U telquhom hemm.

**Kos, anke ż-żrinġijiet ikollhom l-avventuri!**